MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Rikors Kongunt Numru. 46/2015

A B

u

C sive S B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Jannar tas-sena elf disa` mija u erbgha u disghin (1994) u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. “JD 1);

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel ossia J B li llum ghandu l-eta` ta’ ghoxrin (20) sena, kif jidher mic-Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. “JD 2”;
3. Illi l-hajja konjugali bejn ir-rikorrenti ma baqghetx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti resqu ghal separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt datat wiehed u tletin (31) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena, kopja ta’ liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. “JD 3) u dan wara li gew awtorizzati permezz ta’ digriet opportun;
4. Illi r-rikorrenti ilhom separti legalment ghal iktar minn tnax (12) –il sena, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom ;
5. Illi skont il-kuntratt surreferit il-kontendenti qablu illi r-rikorrenti A B ghandu jhallas lir-rikorrenti C sive S B l-ammont ta’ mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u tletin centezmu tal-Ewro (€186.35), ossia, tmenin liri Maltin (LM 80) fil-gimgha, kwantu ghal mija u sittax –il Ewro u sebgha u erbghin centezmu tal-Ewro (€116.47), ossia, hamsin Lira Maltin (LM 50) ghar-rikorrenti C sive S B u disgha u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu tal-Ewro (€69.88), ossia, tletin lira Maltin (LM 30) ghall-minuri J B, b’dan li l-manteniment tal-mara jintilef jekk hija tghix ma ragel iehor *more uxorio.*
6. Illi bi qbil bejn il-kontendenti l-manteniment tar-rikorrenti C sive S B m’ghadux iktar dovut u konsegwentement ebda manteniment ma hu dovut ghar-rikorrenti C sive S B.
7. Illi r-rikorrenti A B kien u ghadu jhallas il-manteniment dovut regolarment kif kontemplat fil-klawsola bin-numru hamsa (5) tal-kuntratt ta’ separazzjoni surreferit u dan b’referenza ghall-wild ir-rikorrenti, ossia J B, b’dan illi dan il-manteniment illum qieghed jinghata direttament lil J B stante li llum ghandu l-eta ta’ ghoxrin (20) sena u konsegwentement ma hemmx pendenzi u/jew kwistjonijiet ta’ manteniment;
8. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
9. Illi r-rikorrenti C sive S B tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia ‘L’

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

I. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti
II. Tawtorizza lir-rikorrenti C sive S B tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe` ‘L’ ;
III. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ; Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimata in subizzjoni.

Salv kull provediment iehor li din il-qorti joghgobha tordna ;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Frar, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti C sive S B talbet fir-rikors kongunt sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ L u il-Qorti qeghda tilqa’ din it-talba;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-31 ta’ Jannar 2002 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ippruvaw illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, tawtorizza lir-rikorrenti C sive S B sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ L u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------